# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 45** Il-Ħamis 16 ta' Frar 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:20 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

Benjamin Zammit - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ma ġietx irrekordjata minħabba l-fatt li ma kienx hemm elettriku u l-laqgħa saret bid-dawl tax-xemgħa u torċijiet.

## Minuti 16 ta' Frar 2023

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**45.1.01** Ma kienx hemm.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-44.

**45.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 44 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

## 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**45.3.01** Il-Kunsill irċieva emejl mingħand il-*Cultural Heritage Directorate* dwar l-esebizzjoni "On the Road". Huma talbu il-kummenti tal-Kunsill dwarha. Il-Kunsilliera qablu li l-esebizzjoni kienet waħda tajba ħafna. L-uniku suġġeriment kien dwar iż-żmien tal-esebizzjoni. Kien ikun ħafna aħjar kieku din l-esebizzjoni inżammet waqt iż-żmien tal-festa jew waqt l-attivitá ta' *Traditions*, u b'hekk kienet titgawda ħafna aktar.

**45.3.02** Il-Kunsill irċieva emejl mingħand il-*Cultural Heritage Directorate* dwar *Għannej Għannej*, sessjonijiet ta' Għana kull nhar ta' Ħadd ġewwa pjazez differenti mill-25 ta' Frar sal 21 ta' Mejju. Il-Kunsilliera qablu li jekk dawn is-sessjonijiet ikunu filgħaxija jkunu nteressati jorganizzaw fit-2 ta' April kif indikat fl-emejl, iżda jekk dawn ħa jkunu filgħodu mhux ħa jieħdu sehem għaliex ma jkunx hemm konkorrenza għaliha.

**45.3.03** Is-Segretarja ġiet informata permezz ta' emejl li l-*electric van* waslet. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera li din tiġi rreġistrata fuq isem is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali tal-Għasri.

**45.3.04** Korrispondenza mingħand il-*Cultural Heritage Directorate* dwar *Spring Time in Gozo, and Gozo Pops & Rocks Invite*. Il-Kunsill ġie mistieden biex jibgħat l-attivitajiet li se jiġu organizzati bejn it-22 ta' April u t-18 ta' Ġunju. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jintbagħtu d-dettalji tal-Ikla tal-Festa li ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju.

**45.3.05** Emejl mingħand resident ta' Triq il-Knisja li talab li jattendi laqgħa tal-Kunsill biex jiddiskuti mal-Kunsill *applikazzjonijiet mhux xierqa* tal-Awtoritá tal-Ippjanar. Il-Kunsill laqá t-talba ta' dan ir-resident biex jattendi laqgħa tal-Kunsill.

**45.3.06** Il-Kunsill ġie nformat li l-applikazzjoni tagħna tal-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2023 ġiet aċċettata u b'hekk il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €3,288.

**45.3.07** Il-Kunsill talab lir-Reġjun Għawdex informazzjoni dwar skemi godda ta' fondi. Il-Kunsill ġie nformat li fadal l-ammont ta' €4,050 mill-fond ta' Skema Reġjonali Kultura 2021. Il-Kunsill ser japplika għal dawn il-fondi fuq l-istess bażi li kien irċieva €5950, li kien għat-tizjin tat-toroq għal Milied.

**45.3.08** Korrispondenza mingħand id-Divizjoni Gvern Lokali dwar *European Solidarity Fund/Support following natural disasters.*

**45.3.09** Ċirkulari 01/2023 Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2022. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li hi diġa bagħtet ħafna mill-informazzjoni lill-awdituri.

**45.3.10** Ċirkulari 02/2023 Emendi fir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru (Leġislazzjoi Sussidjarja 65.13), u emendi fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05).

**45.3.11** Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permessi mill-Kunsilli Lokali – Sistema ta' applikazzjoni *Fast Track*. B'din is-sistemma dawk li japplikaw għall-permessi f'inqas minn 48 siegħa jkollhom iħallsu €30 euro flimkien mal-permess.

**45.3.12** Emejl mingħand resident fi Triq il-Knisja dwar l-iżvilupp li qed isir fi Triq il-Knisja. Huma talbu l-opinjoni tal-Kunsill dwar dan l-iżvilupp.

**45.3.13** Emejl mir-Reġjun Għawdex dwar *Community Greening Grant*. Dan dwar fondi għall-proġetti li jkunu fihom siġar. Filwaqt li l-Kunsill għandu xi ideat bħal dik tal-pjazza u *Community Centre* u ġnien, il-Kunsill għad m'għandux l-affarijiet kollha meħtieġa biex japplika.

**45.3.14** Il-Kunsill ġie nformat li għas-sena 2022 ma sarx tnaqqis mill-allokazzjoni għall-WIFI u MITA iżda dawn ġew imħallsa mid-Divizjoni Gvern Lokali.

**45.3.15** Kwotazzjonijiet għall-stampar tat-tielet u l-aħħar ktieb dwar il-parroċċa tal-Għasri. Il-Kunsill kien ħa deċizjoni fil-laqgħa numru 30 (29/11/21) biex jikkollaborà mal-kittieb ta' dan il-ktieb. Għal dan il-għan inġabru kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel l-orħos waħda bil-prezz ta' 2750+VAT.

**45.3.16** Emejl mingħand l-Assoċjazzjoni Gvern Lokali dwar Laqgħat għall-VOs fil-Lokalitajiet.

**45.3.17** Il-Kunsill ġie nformat li l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv ġie approvat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u ngħatat 4% minn 5% addizjonali mal-10% mogħti mill-Kunsill (li jammontaw 14% totali).

**45.3.18** Avviż dwar l-offerta GSR/01/2023 – *Framework contract for general paving works at Għasri*. Il-Kunsilliera għażlu l-bord ta' evalwazzjoni għal din l-offerta. Dawn huma l-istess persuni li l-Kunsill uża f'dawn l-aħħar offerti li huma nies kompetenti f'dan il-qasam.

**45.3.19** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kappillan talab sabiex jitranġa l-passaġġ u l-ħitan tas-sejjieħ li jinsabu wara l-*playing field*. Peress li l-għelieqi huma tal-Gvern il-Kunsill ser jitlob lill-Ministeru għal Għawdex biex jitranġaw dawn il-ħitan. Dwar il-passaġġ il-Kunsill ser jara dwar dan.

**45.3.20** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ser tinżamm laqgħa mal-Ministru, Clint Camilleri dwar xogħol fit-toroq fl-Għasri fis-16 ta' Marzu. Il-Kunsilliera huma mistiedna biex jattendu.

## 45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**45.4.01** Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni dwar it-Triq tal-Fenek aktar 'l ġewwa minn fejn hemm il-bini. Fadal biċċa żgħira li mhux bil-konkos. Il-Kuntrattur tal-Kunsill għandu jmur jara.

**45.4.02** Il-Kunsillier Sammy Saliba qal li hemm parti mill-ħajt fi Triq l-Għasri (Triq il-Ġdida) li ser jaqà. Il-Kunsill għandu jagħmel rapport lill-Ministeru għal Għawdex.

**45.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba semma wkoll ħajt fi Triq il-Gallina li ser jaqà. Għandu jmur il-kuntrattur tal-Kunsill biex jara x'hemm bżonn.

## 45.5 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* 2022;

**45.5.01** Il-*Financial Statements* għas-sena 2022 kif preparati mill-*accountant* tal-Kunsill kienu preżentati lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Is-Segretarja spjegat li fil-jiem li ġejjin ser isir l-*audit* mill-Awdituri tal-Gvern. Il-Kunsilliera approvaw unanimament dan ir-rapport.

## 45.6 Kuntratt tal-Ħitan tas-Sejjieħ fi Triq il-Ġonna;

**45.6.01** Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-offerta GSR/01/2022 *Building of Rubble Walls at Garden Street* Għasri ġie aċċetata mill-Kuntrattur. Għal din ir-raġuni s-Sindku qal li l-ġebel li hemm fl-għalqa jistà jibqa hemm sakemm jinbnew il-ħitan. Il-Kuntrattur ġie nformat biex jiffirma l-kuntratt u jippreżenta l-garanzija bankarja.

## 45.7 Tranġar tat-triq fi Triq Dun Karm Caruana

**45.7.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu ġie avviċinat minn resident ta' Triq Dun Karm Caruana (il-parti li ma tinfidx) biex it-triq tiġi rranġata. Is-Segretarja ġiet inkarigata biex tibgħat ittra lir-residenti ta' din il-parti tat-triq biex il-Kunsill jara l-opinjoni tagħhom dwar dan ix-xogħol u jekk għandhomx xi oġġezzjoni.

## 45.8 Xogħlijiet Kapitali fl-Għasri u Fondi;

**45.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-ewwel disinn għall-Pjazza. F'dan id-disinn hemm inkluż il-parti mill-Pjazza tingħalaq għat-traffiku. Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff u l-Kunsilliera Eliżabeth Mintoff ma qablux li ssir hekk. Iżda li jkun hemm tisbiħ permezz ta' dwal, *planters* u jekk possibbli ssir funtana.

Is-Sindku qal li trid issir laqgħa pubblika fejn jiġi ppreżentat dan id-disinn lill-pubbliku u jittieħdu l-kummenti tar-residenti. Id-data għal din il-laqgħa għad trid tiġi ffissata.

**45.8.02** Ix-xogħol fuq Ġnien Kenn is-Salvatur miexi u fadal biss ftit xogħol tad-dwal u l-installazzjoni tat-tapiti u *play equipment*.

## 45.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti; u

**45.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-45 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta'din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 45.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**45.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-9.20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2023.

**IFFIRMATA**

Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv